TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 189/12/B

**Josephine Fenech**

**vs**

**Raymond Desira**

Illum 17 ta' April 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-8 ta' Awissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet mitt Ewro (€300), rapprezentanti l-prezz li kellha thallas ghal hob tal-cooker gdid, wara li l-intimat iddannegga l-hob li kienet qabditu u hallsitu sabiex isewwi.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-ntimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet qabdet lill-intimat biex jaghmel xoghol ta' tiswija fuq il-hob tal-cooker taghha. L-intimat kien mar fuq il-post, u cioe' d-dar taghha, fejn kien ha l-hob mieghu sabiex isewwieh, pero' meta hadu lura ghand ir-rikorrenti, il-hob kien qed jahdem aghar minn qabel. Ma kienx qed jahdem u minbarra hekk, kien qed jilleakja l-gas, u dan wara li r-rikorrenti kienet hallset is-somma ta' hamsa u disghin Ewro (€95.00) lill-intimat ghat-tiswija. Ghalhekk ir-rikorrenti cemplet lill-intimat bl-ilment taghha, fejn huwa rega' mar fuq il-post u ghamel xi xoghol iehor fuq il-hob, pero' meta nduna illi ma kienx qed jirnexxielu jsewwieh, huwa qabad argument mar-rikorrenti, sabbat kollox u telaq il-barra.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa diga' spjega lir-rikorrenti illi hija qieghda thalltu ma' xi hadd iehor, ghaliex huwa kkwalifikat fl-elettronika u ma jsewwiex cookers izda copiers u faxes.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub billi stqarret li kellha hob tal-cooker bil-hsara u gabet lill-intimat sabiex isewwieh. Huwa kien qalilha li kien ser jerga' jmur minhabba li kien jonqsu xi haga. Kien ha l-hob mieghu u kien gabu aghar milli kien. Hija innotat wara, u dana minhabba li ma kenitx prezenti meta l-intimat gab il-hob lura, li kellu wkoll il-hgiega miksura. Meta hija gibditlu l-attenzjoni biex imur jarah, huwa kien issuppervja u telaq il-barra. Ghalhekk hija kellha tixtri hob iehor.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' l-invoice ghall-hob li kellha tixtri, datat 11 ta' Lulju 2012 ghall-ammont ta' tliet mitt Ewro (€300.00), li giet immarkata bhala Dok.JF1; flimkien ma' kopja tar-ricevuta li nghatat lilha minghand l-intimat ghall-ammont ta' hamsa u disghin Ewro (€95.00), li giet immarkata bhala Dok.JF2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat fix-xhieda guramentata tieghu, rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub billi stqarr li r-rikorrenti qieghda thalltu ma' xi hadd iehor, ghaliex ma kienx hu li sewwa l-hob.

Illi t-Tribunal osserva d-diskrepanza fil-verzjonijiet tal-partijiet, billi r-rikorrenti baqghat issostni l-verzjoni taghha illi kien fil-fatt l-intimat li kien mar id-dar ghandha u li kien ipprova sewwielha l-hob, filwaqt li l-intimat baqa' jinnega li kien hu.

Illi ghalhekk, fuq ordni ta' dan it-Tribunal, inzammet udjenza ohra fejn ittellghu jixhdu quddiemu, Francis Fenech u Annalise Fenech, dwar l-identita' tal-persuna li ghamlet it-tiswija tal-hob in kwistjoni, liema xhieda, it-tnejn taht gurament, gharrfu l-intimat u kkonfermaw l-identita' tieghu bhala l-persuna li kienet ghamlet it-tiswija fuq il-hob in kwistjoni.

It-Tribunal josserva wkoll illi wara l-ewwel udjenza, l-intimat ipprezenta risposta ohra bil-miktub fid-19 ta' Frar 2013, liema risposta t-Tribunal m'huwiex qed jiehu konjizzjoni tieghu, u dana b'referenza ghal Regola 4.1 tal-L.S. 378.01, minbarra l-fatt li l-intimat kien diga' pprezenta r-risposta tieghu bil-miktub fit-23 ta' Ottubru 2012.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi l-intimat naqas b'mod kbir fis-servizzi tieghu lejn ir-rikorrenti konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' tliet mitt Ewro (€300.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

It-Tribunal ukoll jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jipprocedi kriminalment kontra l-intimat ghal gurament falz skond il-Ligi, in vista tat-testimonjanza tieghu quddiem dan it Tribunal u r-risposta bil-miktub minnu pprezentata fit-23 ta' Ottubru 2012 quddiem dan it-Tribunal.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**